**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Melvyn Camilleri]**
**[Spettur Joseph Agius]**

**vs**

**George Cini**

**Kumpilazzjoni Numru: 232/12**

**Illum, 25 ta' Settembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra George Cini detentur tal-karta tal-identita` numru 491447M:

1. U billi hu akkuzat talli f'Hal-Qormi nhar id-29 ta' Jannar 2012, wara nofs in-nhar, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta' Mandy Mallia Bonello ta' 24 sena;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lokalita u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom taghti s-setgha lill-privat li jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta

taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, arresta, zamm jew issekwestra lil Mandy Mallia Bonello;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lokalita' u cirkostanzi kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mandy Mallia Bonello hekk kif iccertifika it-Tabib Dr. David Fenech;

4. u wkoll talli fl-istess data, hin, lokalita' u cirkostanza uza vjolenza sabiex igieghel lil Mandy Mallia Bonello taghmel jew thalli li jsir xi haga;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mandy Mallia Bonello u l-familja taghha ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat George Cini illi hija wahda mhix netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb li mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat il-provi kollha prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat attentat ghall-pudur tal-parte civile Mandy Mallia Bonello meta huwa biesha minghajr il-kunsens taghha kif ukoll li messilha sidirha.

Illi f'dawn il-proceduri kien hemm biss zewg verzjonijiet tal-incident u cioe' tal-istess Mandy Mallia Bonello kif ukoll tal-imputat. Dawn fil-fatt ma tantx huma kontradicenti billi filwaqt li Mandy Mallia Bonello qalet illi l-imputat biesha darbtejn meta hija marret taghmel xi xoghol ta' ppakkjar fil-garaxx tieghu u meta dawn kienu qeghdin jippakkjaw huwa biesha. It-tieni bewsa saret meta huwa qallha sabiex imorru go karma ohra sabiex jarmu l-prodotti antiki u skaduti u f'dak il-mument meta hija kienet darha lejh huwa qabadha dawwarha u rega' biesha u fil-pront messilha sidirha. Hija tghid ukoll illi f'dak il-mument huwa rassha fil-kantuniera b'dan li ma hallilhiex minn fejn tohrog.

Illi l-imputat ammetta li bies il-parte civile darbtejn ghalkemm huwa jghid illi l-ewwel darba staqsiha biex ibusha u hi qaltlu biex ibusha fuq haddejha. Illi huwa jghid li t-tieni darba qabad u biesha ghax hassu li ghandu jaghmel hekk izda ma jiftakarx li messilha sidirha jew li kellu xi intenzjoni li jrossha izda huwa jghid illi meta mar biex idawwarha biex ibusha huma kienu ser jaqghu ghaliex kien hemm xi struttura tahthom li kienet ser iccedi.

Illi minn dan l-att il-parte civile sofriet xi griehi hfif fuq sidirha kif gie kkonfermat bil-gurament mit-tabib Dr. David Fenech.

Illi din il-Qorti m'ghandhiex dubju mill-kredibilita' tal-parte civile Mandy Maria Bonello li l-imputat biesha kontra l-volonta' taghha u li messilha sidirha meta kien qed ibusha izda wara li rat il-komportament tal-imputat anke tul dawn il-proceduri, ma temminx illi huwa kellu xi intenzjoni sabiex b'xi mod jarrestaha . L-intenzjoni tieghu kienet illi jisraq xi bewsha minn tfajla li forsi kellu grazzja maghha u mhux li jaghmlilha xi hsara jew li jzommha kontra l-kunsens taghha.

Fil-fatt wara dan il-fatt hija spiccat ix-xoghol taghha u harget minn jeddha minn dan il-garaxx u apparti dawk iz-zewg atti mill-imputat, hija ma kellha l-ebda biza' li l-imputat kien ser jaghmlilha xi haga kerha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 207, 221 u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil George Cini hati tal-ewwel (1), it-tielet (3) u l-hames (5) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin u nofs filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**